KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 76 Tnejn 20 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joe Gatt- Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
James Cassar -Viċi Sindku
Karl Tanti – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier

MISTIEDNA
Daniel Galea - Accountant

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**76.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' James Cassar u Karl Tanti. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 75
REF:74.3.1 Korrispondenza – Email- Permit to Sublease part of tat-Targa
Is-Sindku nforma li għad jrid jiġi fformulat l-*agreement.*

REF: 74.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Meeting Gibjun
Is-Sindku nforma li t-tieni *manhole* għada mhux lesta.

**REF: 74.3.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Tintinnabru**
Is-Sindku nforma li l-ittra ntbgħatet, u d-Direttur nforma li donazzjonijiet ma jistawx jsiru, fejn s-Sindku rrisponda lura li dan huwa mafkar u mhux donazzjoni, u qed nistennew risposta lura fuq l-aħħar korrispondenza.

**REF: 74.3.8 Kommunikazzjoni mis-Sindku - Co-financing Contract Agreement - Construction of new rubble walls & repair, maintenance, re-construction of existing rubble walls**
Is-Sindku nforma li t-tender qiegħed fi stadju ta' evalwazzjoni.

**REF: 74.3.11 Kommunikazzjoni mis-Sindku – PAMA estensjoni ta' applikazzjoni.**
Is-Sindku nforma li għad trid tiġi evalwata din l-applikazzjoni, u fakkar li dan il-proġett ħa jkun taħt l-art, u l-ispazju fil-wiċċ ħa jkun ġnien pubbliku.

**REF: 75.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Sleeping Policeman Ponsomby Street qabel College u wara Anġlu Gatt**
Is-Sindku nforma li irċevejna xi oġġezzjonijiet minn xi residenti, u għad irridu nevalwaw x'inhuma l-oġġezzjonijiet li rċevejna.

**REF: 75.3.6 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Invit Tnedija Uffiċjali ta' ktieb ġdid bl-isem -Musta Raħal Twelidi**
Is-Sindku nforma li saret il-*launch* ta' dan il-ktieb li kien verament suċċess fejn kien hemm wkoll bosta interventi interressanti. Il-ktieb huwa diġa mfittex ħafna fejn diġa nbiegħu bosta kotba, u ġew mitluba 'iktar.

Sar wkoll il-*launch* tal-ktieb 'Il-Mostin, Bejn Fidi u Storja', fejn dan jiġbor l-istorja tal-Mosta. Dan il-ktieb ġie jiswa lil-Kunsill 7 Ewro, u qed jinbiegħ għal-15 Ewro. Is-Sindku preżenta kopja ta' dan il-ktieb lil-Kunsilliera u *staff*.

**REF: 75.4.1 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa attendew 134 persuna, u ġew ibbukjati 4 *buses.*

**REF: 75.4.7 Kuntrattur tal-patching.**
Il-Kunsillier Deguara li l-*patching sar.*

**REF: 75.4.6 Triq il-Għasel**
Il-Kunsillier Deguara preżenta mappa ta' kif qed jiġi ssuġeriet tabelli ta' *no left turn* min ġo Triq il-Għasel għal ġo triq l-Għadajjar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex issir l-applikazzjoni ma Transport Malta.

**REF: 75.4.14 Triq Ġużeppi Callus**
Il-Kunsillier Bonnici staqsiet jekk kellniex risposta dwar il-bollards li twaħħlu maġenb il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mhux il-Kunsill għamilhom, u Transport Malta kkonfermaw wkoll li ma twaħħlux minnhom l-anqas. Transport Malta nfurmatna biex nibgħatu lis-sid biex jneħħihom, jekk ma jneħħihomx fi żmien stipulat mil-Kunsill, jitneħħew mil-Kunsill.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 75.

Fis- 7:33 saret sospensjoni tal-minuti biex l-*accountant* Daniel Galea jgħati rendikont Quarterly Financial Report 1- January-March 2019, item 76.5.1.

## 76.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 76.3.1 Korrispondenza – Email- Shops 1-5 Binja Speranza Triq il-Beata Adeodata Pisani ta' Żokrija

Is-Sindku nforma li rċevejna mil-housing fejn peress li għanda sa Lulju mħallas, għandna sa Lulju biex niżbarrazzaw il-garaxxijiet, u nirriturnaw iċ-ċwievet lura.

### 76.3.2 Korrispondenza – Email-Villa Gollcher Garden

Is-Sindku nforma li rċevejna messaġġi fuq facebook, biex il-Kunsill jieħu posizzjoni dwar dan l-iżvilupp. Il-membri preżenti qablu li huma kontra li dan il-ġnien jiġi żviluppat. Is-Sindku ħa jifformula ittra biex tiġi ċċirkulata mal-Kunsilliera għal-approvazzjoni.

### 76.3.3 Korrispondenza - Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali Regjonali F'Centri

Is-Sindku nforma li reġgħet fetħet l-iskema finanzjarja għal-iżvilupp ta' libreriji, fejn il-Kunsill il-ġdid li ħa jkun maħtur għat-tmien leġislatura, jista jerġa japplika għal dawn il-fondi.

### 76.3.4 Kommunikazzjoni - Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Is-Sindku qal li l-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, żgur ħa jkollu bżonn li jinħareġ tender għaliħ għal manutenzjoni tiegħu. Dan huwa ġnien kbir li ta' l-inqas trid żgur żewġ ġardinara miegħu biss mit-tnejn sal-ġimgħa. Is-Sindku nforma wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv kella laqgħa ma wieħed mid-Diretturi ta' Ambjent Malta, kif wkoll l-*engineer* li għadda d-dawl, u l-kuntrattur tas-CCTV's għax għas-sigurta kif wkoll minħabba vandaliżmu is-CCTV's f'dan il-ġnien jridu jsiru malajr kemm jista jkun. Il-Kunsillier Sammut issuġerixxa li jkun hemm sistema installata, fejn il-*watchman* jgħafas buttuna f'diversi żoni tal-ġnien meta jkun qed jgħamel ir-ronda.

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li dan il-ġnien bis-saħħa tal-Gvern, u stieden lil-Kunsilliera biex min għadu ma marx, jmur jżur dan l-ġnien tant sabiħ.
Is-Sindku nforma wkoll li flimkien mal-Prim Minstru u l-Ministru Herrera waqt il-ftuħ uffiċjali, żaru l-Bee Apiary hu apprezzaw l-ġest tal-Kunsill li din il-biċċa art ġiet mislufa biex l-kultura tan-naħal tkompli titrawwem. Ġew wkoll preżentati bl-għasel u b'xemgħat mgħamul mil-għasel, kif wkoll ingħataw deskrizzjoni dettaljata dwar in-naħal.

### 76.3.5 Kommunikazzjoni - Ġnien Reggie Cilia

Is-Sindku nforma li għas-CCTV's ta' ġnien Reggie Cilia, hemm bżonn li jsir *connection* ta' l-*internet*, u biex niffrankaw applikazzjoni, is-Sindku nforma lil membri preżenti li verbalment tkellem mal-knisja biex jintuża l-*internet* tagħhom u jinqasmu l-ispejjes. Is-Sindku għandu jressaq fuq il-mejda iktar dettalji għal-approvazzjoni tal-Kunsilliera, peress li f'dan l-istadju tkellem biss verbalment, mar-rappreżentanti tal-knisja.

### 76.3.6 Kommunikazzjoni - Kungress Ewkaristiku

Is-Sindku nforma li dal-għodu bdew xogħolijiet min Transport Malta fuq il-*culverts* fi triq Kungress Ewkaristiku. F'din it-triq hemm *culvert* mibni bil-ġebel li bniedem jista jgħaddi min ġo fih. Meta jinstad *culvert* l-ilma ma jimxix u għalhekk jiskula min ġol-fili, u flok ġew jnaddfu l-*culverts* qed jinstallaw katusa li hija 'iżgħar mil-*culvert* preżenti. U għalhekk il-*culvert* mhux ser ilaħħaq, u mhux biss ħa jkun hemm *flooding* fil-kantini tar-residenti, imma wkoll fl-entrati tagħhom. Is-Sindku nforma li oġġezzjona mal-Perit responsabbli.

### 76.3.7 Kommunikazzjoni – Tat-Tarġa Battery

Is-Sindku nforma li il-bieraħ kien hemm il-ftuħ tal-Batterija, li għal min jistaqsi kif ma kienx hemm invit dawn ħadu ħsieb kollox lis-*scouts group,* fejn stiednu lis-Sindku u tefaw invit pubbliku fuq Facebook.

### 76.3.8 Kommunikazzjoni – Ringrazzjamenti

Is-Sindku nforma li din probabbli tkun il-laqgħa ta' qabel ta' l-aħħar, u għalhekk s-Sindku, il-Kunsilliera preżenti u s-Segretarju Eżekuttiv, qalu kelmtejn ta' ringrazzjament kif wkoll l-għaqda u-rispett li kien hemm bejn iż-żewġ partiti f'din is-seba' leġiżlatura.

## 76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 76.4.1 Wesgħat Marco Montebello

Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm ħofra f'Wesgħat Marco Montebello, biex jsir il-*patching.*

### 76.4.2 Triq Lorenzo Gafa'

Il-Kunsillier Gatt nforma li fi triq Lorenzo Gafa' bl-inġenji tal-kostruzzjoni hemm biċċa min bankina li qed iċċedi. Is-Sindku nforma li meta nirċievu biex tiġi rillaxata l-garanzija, aħna nmorru naraw u jew issewwi l-kuntrattur, jew jinżamm id-depożitu biex jissewew il-ħsarat.

### 76.4.3 Triq San Gwann

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-parti *two-way* fi triq San Gwann, qegħda mħarbta ħafna bit-trukkijiet. Is-Sindku nforma li għaddej żvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex naraw jistax jsir xi *patching*, pero' sakemm jispiċċa l-iżvilupp li għaddej inutli li jsir *major patching works.*

### 76.4.4 Triq il-Midbaħ ma Triq l-Għadajjar

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk tabella tal *one-way* jistax jsir xi dawl, għax fejn Hector taż-żebgħa it-tabella ma tidhirx. Is-Sindku nforma li hemm tabella kbira ħafna, li jista jsir jew fanal tal-Enemalta jew jitwaħħal adesiv reflettiv. Jista wkoll ssir ż-żebgħa ma l-art tal *one-way.*

### 76.4.5 Bandli Sta. Margerita

Il-Kunsillier Deguara ressaq suġġeriment min resident/i biex ssir drop curb. Din trid tiġi triq l-imsiebaħ ma Ġnien Sta. Margerita.

### 76.4.6 Vjal Il-Qalbiena

Il-Kunsillier Borg ressaq suġġeriment biex fi Vjal Qalbiena, jew jiġu *replaced* l-arbuxelli, jew jinqataw, għax malli jinxfu aparti li jiġu koroħ qed jkunu wkoll inkonvenjent.

### 76.4.7 Skart Organiku

Il-Kunsilliera Bonnici rrapurtat li fi triq il-Paroċċa u triq Kurat Schembri, lis-skart organiku qed jinġabar fis-7 ta' filgħodu flok fit-8 skond lis-skeda. Is-Sindku nforma li wasallu ilment simili fi triq oħra, fejn għadda l-*email* lil-kuntrattur u qed jistenna risposta.

## 76.5 Rapporti

### 76.5.1 Quarterly Financial Report 1- January-March 2019

L-*accountant* Daniel Galea, spjega r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel tlett xhur tas-sena.

- Jannar sa Marzu l-Kunsill spiċċa *b'surplus* ta' 42,253, fejn kien hemm dħul ta' 358,000 Ewro. Dawn il-figuri huma mqabblin tajjeb mal-*budget* li ġie pjanat.

- Permessi ammontaw għal 21,000 Ewro.

- Administration *budget* ta' 61,500 Ewro, u intefqu 14,000 Ewro.
- Depreciation fejn il-valur tal-*fixed assets* ammontaw għal 37,000 Ewro.

- Payments and Receivables fejn sa l-aħħar ta' Marzu l-Kunsill kellu jirċievi 42,000 Ewro li huma kontijiet pendenti li jkunu għadhom ma tħallsux, flus il-bank jammontaw għal-975,000 Ewro, kontijiet li għad jridu jitħallsu jammontaw għal 292,000 Ewro li jirriflettu kontijiet antiki u kontijiet li għadhom ma waslux, u oħrajn li għadhom qed jitħallsu bħal-pagamenti tal-PPP.

- Statemant of Financial Position fejn il-*fixed assets* jammontaw għal-ftit inqas min-800,000 Ewro.

- FSI 43%

Fis-7:47 l-*accountant* Galea lesta s-spjegazzjoni tar-rapport u ħareġ mil-kamra.

**76.5.2 Evalutation of Tender KLMQ 01-2019- Youth Worker Services**

Is-Sindku nforma li għat-tender ta' Youth Worker Services, irċevejna *bid* waħda, fejn din qegħda iktar għola mil-*budget* b'2,000 fis-sena, għax is-sigħat huma ta' 45 siegħa.
Il-Membri preżenti qablu li l-ħlas għal dan is-servizz m'għandux jaqbeż l-40 siegħa fix-xahar għal massimu li ma jeċċediex 6,000 Ewro fis-sena.

**76.5.3 Evalutation of Tender KLMT 01-2019- Restoration of Street Shrines in Mosta**

Is-Sindku nforma li fadal l-evalwazzjoni tal-Viċi Sindku James Cassar u l-Kunsillier Mark Micallef Costa.

**76.5.4 Evaluation of Tender KLM T02/2019- Construction and Restoration of Rubble Walls in mosta under Measure 4.4 of the European Agricultural Fund for Rural Development**

Is-Sindku nforma li fadal l-evalwazzjoni tal-Viċi Sindku James Cassar u l-Kunsillier Mark Micallef Costa.

**76.5.5 Evaluation of Tender KLM T03-2019- Supply Transport Assembly and Installtion of various playing and outdoor gym Equipment, and soft flooring within Recreational Sites in Mosta**

Is-Sindku nforma li ż-żewġ tenders li ntefaw huma iktar min dak li kien *budgeted* fit-tender, liema *budget* il-*bidders* jaraw biss kif jingħalaq it-tender. Għalhekk il-membri preżenti qablu biex il-Perit tal-Kunsill jipprovdi ġustifikazzjoni u rakkomandazzjoni fuq l-ammont ta' 25,534 Ewro, li huwa l-ammont li jeċċedi l-*budget.*

**76.5.6 Approval of Accountant direct order quote**

Is-Sindku nforma li rċevejna tlett *quotes* min kumpanijji differenti għal-servizz ta' *accountant,* fejn ħa jintgħażel l-irħas wieħed, li huwa l-*accountant* kurrenti.
Il-membri preżenti qablu unanimament.

### 76.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 76.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 88.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 30 ta' April sal-20 ta' Mejju 2019.

#### 76.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

#### 76.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 76.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8:45 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-10 ta' Ġunju 2019 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 20 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |